MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2829/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**O'Connors Malta Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' sitt mija u disghin lira (Lm690.00c0) kwantu ghal Lm600.00c (sitt mitt lira Maltija) Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru 011118 (Dok A) rilaxxjata mis-Socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbilment "O'Connors Irish Pub" San Pawl il-Bahar, u Lm90.00c (disghin lira Maltin) Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-perjodu mis-6 ta' Mejju 2002 sal-5 ta' Mejju, 2003.

Is-socjeta’ attrici talbet ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta‘ Lulju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta.

Sema’ lill-P.L. Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannaha thallas is-somma ta’ sitt mija u disghin Lira Maltin (Lm690) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------